TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/16/15/S

George Pace
Vs
Elmo Insurance Limited

Illum 23 ta'Lulju,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' George Pace ipprezentata fis-16 ta'Jannar,2015 u r-risposta tas-socjeta Elmo Insurance Limited ipprezentata fil-5 ta'Marzu,2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-25 ta'Gunju,2015 dwar l-eccezzjoni preliminari fuq il-kompetenza;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem jinghad li din hi decizjoni fuq eccezzjoni preliminari moghtija mis-socjeta intimata fejn hemm stipulat fil-polza tal-assikurazzjoni *de quo* li kwalunkwe pendenza ghandha tigi riferuta lil arbitru u dan skont klawsola 8 tal-kundizzjonijiet ta' Dok KG1;

Illi ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar il-kuntratt t'assikurazzjoni li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma inghatat ebda spjegazzjoni ghaliex dak maqbul fil-polza t'assikurazzjoni m'ghandux jigi implimentat u esegwit u ma tressqet ebda prova li r-rikorrent jista' jsofri xi pregudizzju jekk l-eccezzjoni preliminari tintlaqa';

Illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet li f'kaz ta' xi differenzi li jirrigwardaw il-polza t'assikurazzjoni, dawn ghandhom jigu indirizzati lil Arbitru u ghalhekk din il-klawsola arbitrali timmerita applikazzjoni u dan fuq l-istregwa ta' *pacta sunt servanda;*

Illi tali hsieb gie ribadit mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet **"Janice Cassar vs Simon Deguara et"** [1] fejn intqal:

*"...non si tratta minn pretenzjoni civili li l-ligi trid bilfors tigi deciza minn organu li mhux il-Qorti....izda riflessjoni tal-principju pacta sunt servanda fis-sens li la darba z-zewg partijiet jaghzlu tribunal ghad-determinazzjoni tal-problemi li jista' jkollhom fil-futur, ebda parti ma jista' unilateralment iwarrab dak l-arrangament..."*

Illi dan it-Tribunal jaghmel tieghu dan l-argument;

Illi l-Qrati taghna konsistentement ikkonfermaw li gjaladarba tali klawsola tirrifletti r-rieda tal-partijiet u gjaladarba tali klawsola hi wahda valida, din ghandha tigi implimentata u esegwita (**"Edwin Vella vs Wilfred Mamo noe"**[2] u **"Malta Shipyards Limited vs VPJ Limited"**[3]);

Illi fin-nuqqas ta' ragunijiet u provi mressqa dwar ghalfejn ftehim fl-intier jew f'parti minnu, m'ghandux jigi esegwit, tali ftehim ghandu jigi onorat miz-zewg partiet ghax jirrispekkja dak li riedu l-partijiet fil-mument tal-iffirmar;

[1] Decizjoni moghtija fil-25 t'April,2008.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kummercjali fit-13 t'Ottubru,1989.
[3] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta'Mejju,2009.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta Elmo Insurance Limited *stante* li dan it-Tribunal mhux kompetenti jisma' t-talba tar-rikorrenti u dan minhabba dak stabbilit fil-polza t'assikurazzjoni ta' bejn il-partijiet kif fuq inghad, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru